# Lejn soċjetà aktar inklussiva

Darba s-sibt filgħaxija, koppja leżbjana li kienet miexja id f'id f'Buġibba ġiet attakkata verbalment minn xi rġiel li kienu qed jixorbu f'bar. F'okkażjoni separata, persuna oħra gay ta' nazzjonalità barranija kienet qed isibha diffiċli ħafna biex tikri post f'Malta għaliex kienet qiegħda tħoss li kienet qed tiġi diskriminata minħabba l-etniċità u l-orjentazzjoni sesswali tagħha.

Dawn huma esperjenzi li għadhom qed jgħaddu minnhom persuni f'pajjiżna minkejja l-leġiżlazzjoni u l-politika f'Malta li tħares id-drittijiet ta' persuni LGBTIQ+. Dawn l-esperjenzi ħarġu fid-deher fl-istudju li għamlet il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) bħala parti mill-proġett ko-finanzjat mill-UE 'Empowerment for Diversity' (E4D).

L-għan ta' dan l-istudju kien li janalizza l-esperjenzi ta' trattament differenti u d-diskriminazzjoni li jġarrbu persuni li jiddentifikaw bħala LGBTIQ+, f'diversi setturi tal-ħajja, bħall-edukazzjoni, ix-xogħol u fl-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi.

Dan l-istudju sar ukoll biex jikkompara r-riċerka tal-NCPE fl-2011, 'LGBT Discrimination Research Report ma' x'qed jiġri llum. Dan ix-xogħol jinkludi wkoll numru ta' rakkomandazzjonijiet ta' x'hemm bżonn li jsir f'oqsma differenti fosthom fuq il-postijiet tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fil-kura tas-saħħa bħal pereżempju li jkun hemm politiki u strutturi dwar l-ugwaljanza u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, jingħata taħriġ regolari lill-impjegati kollha dwar l-inklużjoni, jiżdied l-għarfien fl-iskejjel dwar kwistjonijiet LGBTIQ+, u jingħata taħriġ regolarment lill-professjonisti tas-saħħa biex ikunu jistgħu jindirizzaw aħjar t-tħassib u l-ħtiġijiet tal-persuni LGBTIQ+. Din ir-riċerka hija disponibbli fuq il-website tal-NCPE – www.ncpe.gov.mt.

Ir-riżultati tal-aħħar riċerka li għamlet l-NCPE juru li l-istigma u l-preġudizzju li jiffaċċjaw persuni LGBTIQ+ għadhom preżenti fis-soċjetà Maltija. Fost oħrajn, għad hawn żgħażagħ f'pajjiżna li għadhom jibżgħu juru l-identità tagħhom, waqt li oħrajn għadhom iħossuhom skomdi jżommu id is-sieħeb jew is-sieħba tagħhom f'postijiet pubbliċi.

Ħarġu wkoll riżultati pożittivi li ġejjin mill-bidliet fil-politika u l-leġiżlazzjoni, bħal pereżempju li hemm aktar nies konxji tad-drittijiet tagħhom, u jħossuhom aktar 'aċċettati' u b'hekk 'aktar sikuri' biex ikunu miftuħa dwar l-identità tal-ġeneru jew is-sesswalità tagħhom.

Din il-ħidma f'Malta ġiet rikkonoxxuta għal darboħra din is-sena hekk kif Malta għat-tmien sena konsekuttiva tinsab fil-quċċata tal-klassifika ppubblikata mill-Għaqda ILGA-Europe, li tevalwa u tqabbel s-sitwazzjoni ta' liġijiet u l-politika dwar l-ugwaljanza LGBTIQ+ f'49 pajjiż fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali. Malta ngħatat punteġġ ta' 89%, li huwa 13-il punt perċentwali ogħla mill-pajjiż li kklassifika fit-tieni post.

Fost il-miżuri u inizjattivi li ġew introdotti, dawn l-aħħar snin, sabiex jissaħħu d-drittijiet u l-ugwaljanza ta' persuni LGBTIQ+insibu t-tibdil fil-leġiżlazzjoni li tipproteġi lill-individwi u lis-soċjetà mill-hekk imsejħa 'terapija ta' konverżjoni', tnediet ukoll politika dwar l-inklussività fl-iskejjel li fost oħrajn se tħares lejn id-drittijiet tal-istudenti LGBTIQ+, inħarġu pubblikazzjoni ta' linji gwida għall-midja u dizzjunarju Queer li huma maħsuba biex fir-rappurtaġġ tagħhom il-midja jippromwovu rappreżentanza preċiża, ġusta u rispettuża lejn persuni LGBTIQ+, u ġie ffirmat ukoll ftehim li se jwassal sabiex tissaħħaħ il-ħidma favur l-ugwaljanza fil-gżira Għawdxija.

Dawn l-inizjattivi tant bżonnjużi sabiex verament nersqu lejn soċjetà aktar inklussiva qed isiru fl-isfond tal-preparamenti li għaddejjin bħalissa tal-Europride 2023, avveniment internazzjonali li se jkompli jiċċelebra d-diversità u l-ugwaljanza. Il-Europride, li se ssir bejn is-7 u s-17 ta' Settembru 2023, bit-tema 'Equality from the Heart', għandha l-għan li tattira eluf ta' nies minn madwar id-dinja lejn Malta biex jiċċelebraw il-komunità LGBTIQ+, filwaqt li tippromwovi l-messaġġ b'saħħtu ta' ugwaljanza.

Fil-kuntest ta' dan kollu, l-NCPE kontinwament tkompli tisħaq dwar l-importanza li dawk il-persuni li jħossuhom li ġew diskriminati abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali kif ukoll fil-banek u fl-istituzzjonijiet finanzjarji, jersqu għand l-NCPE u jirrapportaw il-każijiet ta' diskriminazzjoni. B'hekk inkunu qegħdin nikkumbattu d-

diskriminazzjoni u naħdmu aktar lejn soċjetà inklussiva. Importanti li nsemmu wkoll li kull każ illi jersaq għand l-NCPE jiġi investigat b'mod kunfidenzjali.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200, equality@gov.mt jew fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE (Facebook, Instagram u Twitter - NCPE.Malta)*

**12 ta' Mejju 2023**